# REĊENSJONIJIET

**"JACOPONE DA TODI"** tal-Pad. Lett. Dijonisju Mintoff, O.F.M. Union Press, Valletta.—1961. Paġ. 16.

Dan hu ktieb ta' tagħlim ieħor maħruġ mill-Patri Dijonisju Mintoff O.F.M. Kif Patri Mintoff igħid lil min jaqra, hu ma kitibx dan il-ktieb minn rasu, iżda qalbu għall-Malti mill-oriġinal bit-Taljan ta' Giovanni Papini, awtur magħruf ħafna għax-xogħlijiet ta' bixra kritika letterarja.

Dan il-ktejjeb ma jittrattax fuq il-ħajja ta' Jacopone, imma hu apprezzament tal-ħidma, il-ħsieb, il-fehma, il-poeżija u l-mistiċiżmu ta' dak l-iben imnebbah ta' San Franġisk t'Assisi.

L-awtur jirrakkonta dwar il-bidla ta' Jacopo Benedetti, student f'Bologna, avukat prim, raġel ta' sinjura sabiħa, f'Patri Jacopone, terzjarju Franġiskan, penitent, isofri ż-żebliħ u l-ħabs. L-awtur juri wkoll kif Jacopone hu l-ħolqa li tgħaqqad l-ewwel l-istil tal-poeżija umbrija ma' l-imwar tal-poeżija Danteska. Fil-bidla tal-personalità ta' Jacopone tidher is-setgħa tal-Provvidenza li tmexxi u twassal lil kull bniedem lejn il-qofol ta' ħajtu.

Il-ktieb fih wkoll ħafna siltiet mill-poeżija ta' Jacopone u t-traduzzjoni bil-Malti tagħhom; dan il-qlib għall-Malti għoġobna għax fih ħajja u ġmiel li jħabbtuha ma' l-oriġinal.

G.

**ĠABRA TA' POEŻIJI GĦAT-TFAL** — minn R. Vella Tomlin — Edituri A.C. Aquilina & Co. — paġni 168.

Il-Kommendatur Vella Tomlin, mill-esperjenza tiegħu mat-tfal bħala Surmast Prinċipali f'Birżebbuġa, għaraf aktar minn darba jgħaqqad antoloġiji ta' proża u poeżija li jgħoddu għal idejn it-tfal ta' l-iskejjel primarji. Tidher ħaġa ta' xejn, u sadattant titlob mill-kompilatur sens qawwi ta' proporzjon biex jiżen u jagħżel dak li hu adattat għat-tfal minn dak li hu tqil wisq għalihom. Imma Vella Tomlin għażel għarbiel tajjeb u naqqa b'hekk dak li jgħodd għax-xogħol tiegħu; ir-riżultat kien ġabra ta' poeżiji minn poeti magħrufin u minn poeti oħrajn li għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom, poeżiji li huma tassew adattati għal antoloġija maħsuba għat-tfal. Għoġobna l-ħsieb tal-kompilatur li qassam il-ġabra taħt irjus differenti skond is-suġġett tal-poeżiji, u b'hekk għandna dawn is-sitt taqsimiet: "Fuq Kollox", "Il-Ħolqien", "Art Twelidna", "Tagħlim Bnin", "Twemmin" u "Innijiet". B'dan il-mod, is-surmast jista' jżewwaq u jagħżel għall-iskulari tiegħu l-poeżiji b'ħeffa akbar. Li l-antoloġija tgħodd għal idejn it-tfal jidher mill-fatt li mill-1952, meta ħarġet l-ewwel edizzjoni, saru żewġ ristampi, fl-1961 u fl-1962. Nittamaw minn qalbna li mill-qari tal-versi Maltin titnissel fit-tfal imħabba dejjem akbar għal-letteratura Maltija.

v.a.



# GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

(Imwaqqfa fl-14 ta' Novembru, 1920)

## KUNSILL

(Maħtur fl-1962)

*Presidenti Onorarji:*
Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).
Is-Sur Gino Muscat Azzopardi.
Rev. Mons. Prof. P.P. Saydon, B.Lit., B.L.Can., D.D., Lic. S. Script. (Ruma), D.Lit. (Hon. Causa).

*President:* Kav. Prof. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.
*Viċi-President:* Dr. A. Cremona, D.Lit (Hon. Causa).
*Segretarju:* Is-Sur G. Zarb Adami.
*Teżorier:* Is-Sur Victor Apap.
*Segretarju Propaganda:* Is-Sur G. Diacono, P.L.
*Membri:* Rev. F. Camilleri; is-Sur G. Chetcuti; is-Sur K. Vassallo; Rev. Patri Prov. Prof. S.S. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.D.D.(Vat.); Rev. Patri A. Born, O.P.; Is-Sur G. Cardona; Rev. Patri D. Mintoff, O.F.M.; Kav. Ivo Muscat Azzopardi, O.S.J., P.L.

## LISTA TAL-MEMBRI

| Data tad-Dħul | |
|---|---|
| 8. 2.1946 | Agius Dr. Em., M.D., D.P.H., D.Bact. |
| 24.11.1935 | Agius Mario |
| 12. 3.1960 | Agius Muscat Anton |
| 25. 2.1940 | Apap Victor |
| 24.11.1935 | Aquilina Prof. G., B.A., LL.D., Ph.D.(London). |
| 12. 3.1960 | Aquilina Pawlu |
| 22. 6.1952 | Attard Montalto Giuseppina |
| 9. 6.1961 | Azzopardi Louis |
| 3. 4.1944 | Barbara Patri Valentin, O.P. |
| 24.11.1935 | Biancardi Nikol |
| 19.12.1937 | Born Patri Wistin, O.P. |
| 17.10.1926 | Briffa Dr. Rużar, B.Sc., M.D. |
| 5.11.1961 | Busuttil Capt. Edgar D. |
| 8. 2.1946 | Busuttil Capt. J.E. |
| 20. 3.1938 | Buttigieg Dr. Anton, B.A., LL.D. |
| 13. 5.1943 | Camilleri Rev. Frans |
| 14.11.1920 | Caruana Franġisk Saverju |
| 7. 4.1942 | Caruana Carmelo, O.S.J. |
| 9. 6.1961 | Caruana Peter |
| 12. 3.1960 | Cardona Ġużè |
| 8. 8.1941 | Cassar Pullicino Ġużè |
| 8. 8.1941 | Cassola Albert M., O.S.J., F.I.L. |
| 13. 5.1943 | Cauchi Dr. G., LL.D. |
| 14.11.1920 | Cauchi Mons. P. |
| 19.11.1937 | Chetcuti Ġużè |
| 7. 2.1947 | Coleiro Prof. Mons. E., O.B.E., B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D.(London). |
| 14.11.1920 | Cremona Antonio, D.Lit. (Hon. Causa) |